# IX-XITAN FIL-FOLKLOR MALTI

Marlene Mifsud Chircop

Il-kultura popolari hija parti kbira mill-mod tal-għajxien tas-soċjetà. Il-kulturi tal-klassijiet kollha tas-soċjetà f'relazzjoni mhux-evalwattiva, jinsabu fuq l-istess livell imma bi fluwidità bejniethom. Kollha kemm aħna ngħaddu mill-esperjenzi tat-tliet tipi ta' kultura popolari: il-folk, il-popolari u l-elit mingħajr limiti. Il-kultura tal-poplu llum mhix marbuta mal-faqar, l-istess bħalma l-kultura tal-elit mhix bilfors marbuta mal-flus jew mal-intelliġenza (Nachbar & Lause 1992). Għalhekk komponent kulturali jew ġrajja jistgħu maż-żmien ibiddlu l-kategorija li fiha kienu jinsabu oriġinarjament u b'hekk isiru kulturalment mobbli (Greenblatt 2010) u jilħqu iktar spettaturi. Hekk ġara lix-xitan fit-twemmin tal-poplu u fl-espressjonijiet artistiċi, inkluża l-letteratura minn *Faust* sa *Vathek* sa *The Devil's Advocate*. F'dawn l-ewwel żewġ xogħlijiet il-bniedem jaqa' fid-dannazzjoni eterna u f'tal-aħħar, il-film, ix-xitan sa jibqa' jittantah u ma nafux kif sa jkun it-tmiem.

Minn sbiħ iċ-ċiviltà, ix-xjaten u d-demonji eżistew fit-twemmin tal-kulturi differenti. Fil-kożmoloġija Nisranija Alla huwa l-personifikazzjoni tal-perfezzjoni spiritwali filwaqt li x-xitan huwa l-maqlub tiegħu. Bħal Alla, dejjem skont it-twemmin popolari, ix-xitan huwa omnixxenti u omnipreżenti fil-moħħ tal-Maltin. Imma bil-maqlub t'Alla, ix-xitan ma jirrispettax regoli u jattakka mal-iċken opportunità, jikkontrolla l-vittmi tiegħu, iħawwadhom u mill-ordni jwaqqagħhom fid-diżordni. Dan id-duwaliżmu bħal lemin u xellug, dawl u dlam. Pereżempju, lit-tfal tal-ġenerazzjonijiet ta' qabilna, u f'xi każi anki tal-lum, kienu jbeżżgħuhom bix-xitan, li jiġi jeħodhom, bit-tama li sforz tal-biża' forsi meta jikbru jinżammu fit-triq tas-sewwa. Min-naħa waħda, dawn l-istejjer kellhom effetti profondi fuq l-iżvilupp tal-individwu u fir-relazzjonijiet tiegħu mal-oħrajn. Naraw it-tendenza qawwija li ngħabbu l-ħtija tal-ħażen tagħna u tal-ħażin li jiġrilna fuq ix-xitan li jittantana u jwaqqagħna tant li jidhrilna li hu l-kawża tal-ħażin kollu li jiġrilu l-bniedem, flok ma nieħdu r-responsabbiltà ta' għemilna. Min-naħa l-oħra, dan it-twemmin popolari għandu l-funzjoni li jnaqqas it-toqol ta' sitwazzjonijiet stressanti u jgħin lil dak li jkun isib raġuni, jinterpreta s-sitwazzjoni u jikkontrolla l-biża'.

Funzjoni oħra ta' dawn l-elementi folkloristiċi hi li jikxfu wkoll l-aspettazzjonijiet tal-poplu li jkun xerred dan it-twemmin u li jkun konvint minnu. M'hemmx bżonn immorru 'l bogħod wisq fiż-żmien sal-proċessi tal-Inkwiżizzjoni (Ciappara 2001, Cassar 1996) biex insibu evidenza ta' dan. Fi żminijietna, meta jinsabu tracċi tal-Quddiesa s-Sewda jew nisimgħu b'eżorċiżmu (Vella 1999), mewġa ta' biża' taħkem lil dawn il-gżejjer, jixxandru fil-midja u jsiru programmi ta' diskussjoni fuq il-mezzi tax-xandir. Eżorċiżmu li ma rnexxiex (Borg 1989: 259), kien dak meta l-eżorċista ma kienx "pur" (ara l-qawl "biex tiskonġri trid tkun pur") u x-xitan għalhekk ma riedx joħroġlu mill-imxajtan. Fil-każ tax-xebba mxajtna li ma tissaportix



Il-mewt it-tajba. Xbieha reliġjuża popolari li kienet parti minn sett ta' tnejn li turi wkoll il-mewt il-ħażina.

tara l-Ostja, ix-xitan jitkellem b'fommha u mill-bqija tal-ħin tkun normali (Borg 1989: 160). Imma xorta għadna 'l bogħod mill-effett ta' sitwazzjonijiet simili fl-Amerka, waqt li l-films tal-orrur iżidu l-paniku li jaħkem lill-poplu. Barra minn hekk, b'funzjoni ta' metafolklor, xi gwidi tat-turisti, għalkemm ma jkunux konxji ta' din il-funzjoni, jieħdu lill-gruppi tagħhom quddiem postijiet fejn jgħidu li jkun hemm spirti ħżiena, bħal fil-każ tad-dar ta' Omnia Somnia, jew ir-razzett il-Mellieħa li nbena f'lejl wieħed mix-xjaten u hekk, permezz ta' leġġendi marbuta mal-okkult, joħolqu ambjent kulturali iktar ikkulurit. Ħafna drabi dan ikun folkloriżmu iktar milli folklor.

Barra l-karatteristiċi u funzjonijiet oħra tax-xitan fil-folklor tagħna, speċjalment fl-immaġinarju kollettiv fil-proverbji Maltin (Aquilina 1972), l-ikonografija u s-superstizzjonijiet fil-gżejjer Maltin f'kuntest Nisrani kkondizzjonat mill-poter jew mill-biża' tal-infern fil-kultura popolari tagħna, sa nsemmi l-karatteristiċi u funzjonijiet oħra tax-xitan fil-ħrafa (Farini: bla data, Borg 1989), l-istejjer tal-ħares (Attard 1983) u l-leġġenda (Mifsud Chircop 2003).

## PAREMJOLOĠIJA, IKONOGRAFIJA U SUPERSTIZZJONI

Fil-qwiel (Aquilina 1972) jidhru karatteristiċi oħra tax-xitan. Skont din il-ġabra t'Aquilina ta' xi erbgħin proverbju analizzat, marbuta max-xitan, ix-xitan il-ħin kollu jsus wara t-tendenza tal-bniedem għall-ħażen, 'ix-xitan għamieh'. Barra li huwa kontra Alla, ix-xitan huwa wkoll ipokrita, jaqla' l-inkwiet, pervert, inġenjuż, deffiesi, għajjur, annimalesk, tentazzjoni, vendikattiv, favur is-sinjur u l-għażżien, jagħmel l-impossibbli – 'ix-xitan m'għandux ħalib u jagħmel il-ġbejniet' (bisesswalità) – imma huwa dejjem hu li jaqla' t-tort mingħand il-bniedem tan-nuqqasijiet tal-bniedem stess.

Fil-folklor tagħna x-xitan għandu diversi appellattivi jew karatteristiċi (A.F. Attard 2002): Luċifru, id-demonju, ix-xifajk, l-għabur, il-mingħul, Brejbes, il-fergħun, il-blis, l-għafrit, Karfusu, Grimbu, il-pest, l-għammad il-kbir, Budenbu, ta' denbu twil, il-mniefaħ, ta' barra minn hawn, ta' taħt San Mikiel, ta' taħt San Ġorġ, fost l-oħrajn.

Il-prietki impressjonanti minn fuq il-pulptu kellhom mit-teatru u d-deskrizzjonijiet ta' Luċifru kienu jvarjaw skont il-predikatur. L-ikonografija – pittura, stampi bħal dawk tal-mewt it-tajba u l-mewt il-ħażina, santi, *ex-voto* – sas-seklu għoxrin kienet timla d-dehra klassika/antropomorfika/grotteska ta' Luċifru bħala bniedem ġgantesk, immuskolat, maħruq, b'denb twil li bih isawwat l-erwieħ mitlufa, bil-qrun, widnejn ippuntati, ġwienaħ u saqajn l-ifrat, iqalleb l-erwieħ mitlufa għal dejjem bil-furkettun b'ħarsa ta' sodisfazzjon u ta' żebliħ.

Din hija dehra ideali għall-maskerati fil-Karnival imma għal xi żmien maskri tax-xitan kienu pprojbiti. F'intervista li għamel Guido Lanfranco (Lanfranco 2001: 207) isemmi forom tal-maskri ta' xitan. L-istess jagħmel Frans Farrugia, 'Il-Bużżu'. Fi tfuliti fil-ħamsinijiet fil-jiem tal-Karnival, niftakar it-tfal maskarati jiġru mat-toroq tal-Mosta b'wiċċhom imġemmed u kont tismagħhom jgħannu 'Għax illum il-Karnivol/ Għax il-festa tax-xiton/ Ix-xiton irid jittanta/ Għandu denbu daqs ta' randa'. Ir-randa hija werqa forma ta' tarf denb ix-xitan fil-pittura popolari.

Dehra oħra kienet dik ta' serp imgerbeb ma' siġra fil-ġnien ta' Eden jittanta lil Eva, jew serp misħuq mill-Immakulata Kunċizzjoni. F'Għawdex ix-xitan għandu dehra ekstraterrestri b'wiċċ mieles, bla mnieħer (imperfezzjoni), b'għajnejn li minnhom joħroġ dawl qawwi ħadrani, liebes mantell iswed (Pisani 1995). Jista' jgħaddi minn trasformazzjonijiet fiżiċi żoomorfiċi: ħanżir, kelb, qattus, tiġieġa jew farfett il-lejl u jkun possibilment bisesswali.

Barra dawn is-suriet, l-aħħar żewġ appellattivi iktar 'il fuq – ta' taħt San Mikiel u ta' taħt San Ġorġ u skont il-ħafna rappreżentazzjonijiet fin-niċeċ f'Malta, (Terribile 2000) – juruna dehra oħra tax-xitan li tippersisti fl-immaġinarju kollettiv, dik tad-dragun, xi minn daqqiet jitfa' n-nar minn ħalqu. Fil-Bibbja, id-dragun jirrappreżenta lil Satana. Nafu li d-dragun fil-forom li naraw fl-ikonografija tul is-sekli ma jeżistix, għalkemm ilu s-sekli bħala tip jiżviluppa f'forom varji tal-arti sal-lum, tant li llum iċ-ċinema tatna dragun twajjeb! Id-dragun huwa fdal fl-immaġinarju kollettiv tat-tliet annimali li minn dejjem il-bniedem beża' minnhom skont il-pajjiż fejn kien jgħix: is-serp, l-ajkla u l-iljun (Jones 2002). Dan il-biża' u dak tax-xitan twaħħdu u għalhekk id-dragun sar is-simbolu tal-ħażen, l-għadu tal-Knisja, theddida għall-ordni u joħloq id-diżordni fl-istat fejn jidher. Kif naraw mill-ħafna varjanti tal-leġġendi ta' San Ġorġ, sar trasferiment ta' element kompost – id-dragun. Qabel f'San Ġorġ, id-dragun kien ukoll jidher f'ikona antika ħafna tal-Imperatur Kostantinu li wkoll għeleb tip ta' ħażen: id-dekadenza tal-Imperu Ruman. Mill-figura (Greenblatt 2002) issaffa l-essenzjali u tlibbes libsa ġdida għall-eżiġenzi taż-żmien.

Fuq kollox, il-fehma vertikali tal-kożmos titwaħħad mal-fehma orizzontali (Mifsud Chircop 2003): għalkemm San Mikiel bħala arkanġlu nafu li jegħleb lix-xitan/dragun awtomatikament billi bħala arkanġlu qiegħed fi sfera differenti minn San Ġorġ, fil-każ ta' dan tal-aħħar, irid jipprova l-qawwa tiegħu skont joqtolx id-dragun jew le. Iż-żewġ setgħat, tal-arkanġlu San Mikiel u ta' San Ġorġ huma setgħat tajba u stabbilixxew l-ordni fuq il-kaos.



'Bħal Kristu ttantat mix-xitan fid-deżert, hekk ukoll il-bniedem ikollu l-istess tentazzjoni'.

Bil-maqlub jagħmel ix-xitan bil-forom differenti li jista' jieħu biex joħloq il-kaos. Għalhekk huwa l-mod tiegħu kif jidħak bil-bniedem meta jidher liebes ta' raġel pulit, flok is-suriet li semmejna, b'libsa intiera fil-ħrafa tal-mara li daħket bix-xitan jew bil-mantell f'tal-Ingliż li invoka lix-xitan waqt logħba karti.

Antidoti kontra x-xitan mhumiex daqshekk abbondanti. Fosthom insibu s-Sinjal tas-Salib, il-kuruna tar-Rużarju, it-tixrid tal-ilma mbierek u l-eżorċiżmu, kollha qawwiet b'dehra esterna imma jiddependu mill-fidi. Waħda mis-superstizzjonijiet ripressivi marbuta mal-prevenzjoni hi li l-mara m'għandhiex tħares lejn suritha għerja billejl fil-mera għax inkella jeħodha x-xitan.

## IN-NARRATTIVA POPOLARI MALTIJA

Il-ħrafa Maltija fuq il-mara li għelbet lix-xitan (Farini bla data) – tipoloġija li tinsab imxerrda f'ħafna pajjiżi fl-Ewropa u tinsab fuq diska ta' Martin Carthy (1982) fost riproduzzjonijiet oħra – hija magħrufa bħala AT 1091 fl-indiċi ta' Aarne-Thompson u K216.2 f'dak ta' Stith-Thompson.

F'din il-ħrafa, ix-xitan jilmaħ id-dgħufija ta' raġel ripress minn martu u jaħdem fuqu biex jikseb ruħu. Li kieku r-raġel induna mill-bidu nett li s-sinjur liebes pulit (tradiment permezz tal-ħabi) kien ix-xitan, billi r-raġel kellu l-biża' t'Alla f'qalbu, ma kienx iċedi għat-tentazzjoni. Dan differenti ħafna milli naqraw fl-arkivji tal-Inkwiżizzjoni (Ciappara 2001) fuq nies li minn jeddhom kienu jbigħu ruħhom lix-xitan għal perijodu definit jew għal dejjem. Ir-raġel tal-ħrafa flok ruħu ċeda ruħ martu u kienet biss l-għafsa ta' qalb li ħass għaliha li ħelsitha u spiċċa biex qalilha l-verità.

Ladarba r-raġel jgħid lil martu bl-iżball tiegħu – il-patt formali li jkun għamel max-xitan biex jakkwista ġid bla qies – dawn il-miżżewġin ma jibqgħux dgħajfa, jingħaqdu u jegħlbu lix-xitan bir-riżorsi mentali u fiżiċi kollha tal-mara mhux iktar vittma imma bil-fidi fiha nnifisha. Ix-xitan jaċċetta li biex jieħu ruħ il-mara jrid jieħu wkoll l-annimal imrejjex (martu) l-infern u lir-raġel iħallilu l-ġid li jkun tah, motif komuni fil-pattijiet max-xitan. F'din il-ħrafa l-ordni eżistenti tal-ħsieb Nisrani tinqaleb.

F'sitwazzjoni simili għal ta' gżira u barra minnha, ta' aħna u huma, fil-protezzjoni ta' darhom, ir-raġel iħalli s-soluzzjoni f'idejn il-mara. It-tnejn li huma jirnexxilhom isalvaw ruħhom u jżommu l-ġid. Imma hija l-mara li tgħabbiet bir-responsabbiltà tagħhom it-tnejn. Sakemm il-mara toħroġ bl-idea tagħha ta' kif tegħleb lix-xitan, it-tnejn li huma jinsabu fi stat liminali kważi taħt dwiefer ix-xitan waqt li x-xitan ikollu jżomm mal-kliem preċiż tal-patt u jistenna. Barra milli trid issalva ruħha, huwa dan il-kontroll fuq żewġha li l-mara trid,




L-Arkanġlu San Mikiel kien dejjem imfittex bħala tarka ta' għajnuna kontra kull tip ta' ħażen.

ladarba issa saru sinjuri. Qabel ukoll kellha kontroll fuqu, jew ħasbet li kellha, għax żewġha kien diġà begħilha ruħha bla ma taf f'dan il-perijodu liminali.

Xħin ix-xitan jara l-azzjoni u s-sura bestjali tal-mara (tkun inksiet kollha bir-rix) jibża' minnha għax lanqas fl-infern m'għandu mostru bħalha. Jiġi mmansat billi jkun hu stess li ma jridx il-kreatura feroċi u mrejxa, jirrinunzja d-dejn ta' ruħ il-mara u l-ġid li jkun ta lil żewġha u l-mara ma jkollhiex għalfejn tiġġieled iżjed ma' żewġha. Ironikament, ix-xitan għandu funzjoni pożittiva għax iqarreb dawn il-miżżewġin lejn xulxin billi jtejbilhom ħajjithom. Issa huma l-valuri Nsara li jegħlbu.

Il-mara tal-ħrafa ta' Farini, b'moħħha jilħqilha, mhux biss tlaħħaq max-xitan imma tegħlbu mingħajr l-ebda element ta' seħer. Għaliex hija l-mara li tegħleb lix-xitan u mhux ir-raġel? Fl-istorja tal-ħsieb u tad-duttrina tal-Knisja mill-antik, hemm komponent karnali dominanti fil-mara iktar milli fir-raġel, li jqarrabha lejn ix-xitan. Għalhekk ix-xitan, il-maskra żoomorfika tal-mara fil-ħrafa u s-sesswalità tagħha jsiru inverżjoni tat-Trinità (Russell 1988: 126). Min-naħa l-oħra, kienet biss il-mara bla ħtija, il-Kunċizzjoni, li saħqet ras is-serp/ix-xitan. Dan il-paralleliżmu jidher ukoll fil-leġġendi tas-Sibilla. Fl-interazzjoni tagħhom mal-Bibbja, is-Sibilla/is-Sittażbrilja oħt Salamun, egħref minnu. Kellha patt max-xitan biex twaqqa' lill-Madonna fid-dnub imma ma rnexxilhiex u xorta ma twettqitx ix-xewqa tas-Sibilla li tkun omm il-Messija. Dan il-privileġġ kien mogħti lix-xebba bla tebgħa biss (il-Kunċizzjoni).

Fil-każ tal-leġġenda lokalizzata li sa nsemmu, fil-kwartieri tal-uffiċjali Ingliżi l-Furjana, li kienet dehret fi *Blackwood's Magazine* ta' Jannar 1891, (J. Attard 1983) każ kulturalment mobbli, il-patt li sar kien ilu stabbilit minn dejjem – il-ħalfa u l-invokazzjoni. Wieħed Ralph, ta' dehra attraenti u impressjonanti, li ħobżu kien jaqilgħu mil-logħob tal-karti u kien popolari fiċ-ċirku tiegħu, jipprova jfotti waqt logħba u jinqabad minn sħabu. Jiċħad, tant li jaħlef u jinvoka lix-xitan biex jiġi jieħdu kemm-il darba ma kienx qed jgħid is-sewwa. Ix-xitan li kien qed josserva kollox barra t-tieqa taħt xbieha ta' raġel bil-mantell (rawh

żewġ uffiċjali Ingliżi), u allura kien jaf x'sa jiġri, kien pront daħal fil-kamra u ħataf lil Ralph, tefgħu fuq spalltu u telaq jiġri bih 'il barra u wieħed mill-osservaturi tal-każ (in-narratur) ma setax jilħqu. Fil-kamra Ralph kien miet zoptu fil-preżenza tal-oħrajn u skont it-tobba.

Leġġenda topografika hi dik tar-Razzett tax-Xjaten barra l-Mellieħa li fil-memorja kollettiva bil-poteri straordinarji tiegħu bena x-xitan/ ix-xjaten f'lejl wieħed. Din il-leġġenda mxiet u nsibuha wkoll il-Mosta meta wieħed kien miexi lejn il-Wied tal-Qlejgħa fid-dlam u jara munzell jitgerbeb lejh u billi beża' li kien ix-xitan, raddlu s-salib u l-munzell sparixxa. F'għajnejn l-attant ix-xitan inviżibbli jieħu l-forma inanima tal-munzell u bil-beżgħat tiegħu l-bniedem mill-ewwel jassoċjah max-xitan, is-sopranaturali, flok ma' forzi naturali skont l-ambjent fejn qiegħed (Mifsud Chircop 2003).

Bħal fil-leġġendi tal-Mellieħa u tal-Mosta, leġġendi topografiċi Għawdxin fihom diversi varjanti marbuta mal-istess għar enormi (Pisani 1995) bħala d-dinja ta' barra r-raħal u għalhekk perikoluża. Ix-xitan jidher jiżfen fil-bokka tal-għar b'enerġija straordinarja, bla mnieħer, liebes mantell. Fl-istess post b'daħka Satanika, ix-xitan jgħid lil wieħed li jkun daħal ta' bilfors jistkenn għalkemm il-post magħruf li fih il-ħares, li billi hemm hu m'hemmx wisa' għalihom it-tnejn. Fl-imħatra bejn iż-żgħażagħ, żagħżugħ jidħol biex isammar musmar fl-għar imma ħaseb li żammu x-xitan xħin ma setax joħroġ għax kien sammar ħwejġu mal-musmar.

Il-folklor jiżviluppa mill-irrakkuntar ta' għadd enormi ta' stejjer u jista' jkun li ħafna minnhom intilfu. Dan l-irrakkuntar ħalla t-traċċi tiegħu fit-tradizzjoni orali u fit-twemmin popolari li jkunu ġew irrekordjati għall-posterità, jekk mhux ukoll ikunu għadhom trażmessi oralment (Russell 1988). L-eżistenza ta' dawn l-elementi folkloristiċi turi l-effetti psikoloġiċi li tbati minnhom is-soċjetà, jew l-individwi, "fihom kontradizzjoni mal-viżjoni biblika li Alla ħalaq id-dinja biex il-bniedem jaħdimha għalih innifsu." (Mifsud Chircop 2003) imma jittantaw isolvu għala jeżisti l-ħażen fid-dinja.

Għal dan l-istudju qasir ġibna eżempji mill-kultura orali tal-folklor Malti li għandhom x'jaqsmu max-xitan fil-ħajja ta' kuljum tal-poplu u li baqgħu fil-memorja kollettiva, trażmessi oralment u ta' oriġini fil-parti l-kbira mhix magħrufa. Għalkemm ma kienx hawn wisa' għal studju komparattiv, l-eżempji li ġibna għenu biex insibu l-identità tax-xitan u rriflettew il-mod tal-ħsieb ta' poplu mjassar mill-biża' kif ukoll il-kontinwità kulturali.



'Inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, hu jisħaqlek rasek, u int trid tħebb għal għarqubu.' *Ġen. 3:14-15*

## REFERENZI


Aarne, Antti & Stith Thompson, *The Types of the Folktale* (Helsinki, 1961)

Aquilina, Joseph, *A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs* (Malta, 1972)

Ashley, Bob (ed.) *Reading Popular Narrative* (UK, 1997)

Attard, Anton F., *Mid-Dinja tas-Seħer u tal-Folklor* (Għawdex, 2002)

Attard, Joseph, *The Ghosts of Malta* (Malta, 1983)

Borg, Paul P., *Selmun* (Malta, 1989)

Cassar, Carmel, *Witchcraft, Sorcery and the Inquisition. A study of Cultural Values in Early Modern Malta* (Malta, 1996)

Cassar Pullicino, Ġużè, *Folktales of Malta and Gozo* (Malta, 2000)

Ciappara, Frans, *Society and the Inquisition in Early Modern Malta* (Malta, 2001)

Di Nola, Alfonso M., *Il Diavolo* (Ruma, 1987)

Farini, Aldo, *Tra storia e leggenda* (Malta, bla data)

Greenblatt, Stephen, *Cultural Mobility* (UK, 2010)

Jones, David, *An Instinct for Dragons* (UK, 2002)

Lanfranco, Guido, *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin*, Kullana Kulturali 24 (Malta, 2001)

Mifsud Chircop, Ġorġ, *Il-Folklor Malti I & II*, Kullana Kulturali 56, 57 (Malta, 2003)

Nachbar, Jack, & Lause, Kevin, *Popular Culture: An Introductory Text*, "An Introduction to the Study of Popular Culture" (US, 1992)

Pisani, Ġorġ, *Mill-Gżira tal-Ħolm* (Malta, 1995)

Russell, Jeffrey Burton, *Lucifer, The Devil in the Middle Ages* (New York, 1988)

Russell, Jeffrey Burton, *Mephistopheles, The Devil in the Modern World* (New York, 1986)

Storey, John, *Cultural Theory and Popular Culture, An introduction* (UK, 2012)

Storey, John, *Cultural Theory and Popular Culture, A Reader* (UK, 2006)

Terribile, Tony, *Niċeċ u Statwi fit-Toroq Maltin*, Kullana Kulturali 14 (Malta, 2000)

Vella, P. Elija, Satana (Malta, 1999)